31997L0001

18.1.1997 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 16/85

L-20 DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 97/1/KE

ta' l-10 ta' Jannar 1997

li tadatta għall-progress tekniku l-Annessi II, III, VI u VII tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-prodotti kosmetiċi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill Nru 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-prodotti kosmetiċi [1], kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni (KEE) 96/41 [2], u partikolarment l-Artikolu 12,

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku fuq il-Kosmetoloġija,

Billi l-Gvern Franċiż għarraf lill-Kummissjoni, skond l-Artikolu 12 tad-Direttiva 76/768/KEE, illi huwa ssospenda għal perjodu ta' sena t-tqegħid fis-suq, sew jekk bla ħlas kif ukoll jekk bil-ħlas, ta' prodotti kosmetiċi u prodotti għall-iġjene personali li jkun fihom estratti mill-enċefalon, l-ispina dorsali jew l-għajnejn ta' bhejjem bovini li jkollhom aktar minn sitt xhur u ta' bhejjem ovini jew kaprini li jkollhom aktar minn 12-il xahar;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/362/KE [3] li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/239/KE [4] fuq miżuri ta' l-emerġenza li jipproteġu kontra l-enċefalopatija sponġiformi tal-bovini tistipula li r-Renju Unit m'għandux jesporta mit-territorju tiegħu lejn Stati Membri oħra jew pajjiżi terzi prodotti miksuba minn bhejjem bovini maqtula fir-Renju Unit destinati, inter alia, biex jintużaw fi prodotti kosmetiċi, bl-eċċezzjoni ta' dawk elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, sabiex ir-Renju Unit jawtorizza l-produzzjoni ta' prodotti msemmija fiha biss fi stabbilimenti taħt il-kontroll veterinarju uffiċjali li jkunu manifestament qegħdin joperaw skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness;

Billi l-epiżootika ta' l-enċefalopatija sponġiformi tal-bovini (BSE) żviluppat fir-Renju Unit; billi, madankollu, id-distribuzzjoni ġeografika tagħha mhijiex magħrufa għalkollox fil-preżent;

Billi fil-preżent mhux possibbli li wieħed jintebaħ bil-marda matul il-perjodu ta' l-inkubazzjoni;

Billi t-tagħrif xjentifiku dwar l-enċefalopatija sponġiformi qed jiżviluppa kontinwament; billi diversi pubblikazzjonijiet xjentifiċi u rapporti minn korpi rikonoxxuti internazzjonalment bħall-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa jistgħu jipprovdu informazzjoni ġdida;

Billi l-imxija ta' varjant tal-marda Creutzfeldt-Jakob (CJD-V) tagħti wieħed x'jifhem li l-BSE tista' tiġi trasmessa lill-bniedem, billi, madankollu, ir-rabta każwali bejn is-CJD-V u l-espożizzjoni tal-popolazzjoni għall-aġent kontaminanti tal-BSE għadha ma ġietx ippruvata;

Billi, skond id-data disponibbli fil-preżent, saret ħaġa possibbli li wieħed jintebaħ bl-infettività fl-enċefalon, fl-ispina dorsali u fl-għajnejn ta' bhejjem bovini bil-BSE;

Billi huwa magħruf li l-metodi rrakkomandati ta' inattivazzjoni ma jistgħux jintużaw fil-qasam tal-kosmetiċi għall-estratti tal-moħħ, ta' l-ispina dorsali u ta' l-għajnejn;

Billi l-industrija tal-kosmetiċi kienet għal diversi snin qed timplimenta r-rakkomandazzjonijiet ta' l-aġenziji governattivi u internazzjonali rigward il-BSE; billi fit-22 ta' April 1996 il-Federazzjoni Ewropea tal-Fwieħa, il-Kosmetiċi u t-Toiletries (COLIPA) tat parir lill-membri tagħha biex ma jużawx tessut bovin u estratti ta' partijiet ċellulari ta' bovini miksuba mill-moħħ, mill-ispina dorsali u mill-għajnejn; billi t-tessuti ul-fluwidi ta' l-ovini u l-kaprini mill-moħħ, mill-ispina dorsali u mill-għajnejn u l-ingredjenti estratti minn dawn prattikament ma jintużawx fil-prodotti kosmetiċi;

Billi fil-21 ta' Ottubru 1994, id-29 ta' Marzu, il-11 ta' Marzu u t-18 ta' Lulju 1996 il-Kumitat Xjentifiku fuq il-Kosmetoloġija tal-fehmiet tiegħu fuq ir-riskju ta' l-użu ta' prodotti ta' oriġini bovina li jistgħu jittrasmettu l-aġent kontaminanti tal-BSE;

Billi fit-2 ta' Ottubru 1996 il-Kumitat Xjentifiku fuq il-Kosmetoloġija ta' fehmiet bir-riżultat li r-riskji marbuta ma' l-użu fil-prodotti kosmetiċi ta' tessuti u fluwidi ta' bovini, ovini jew kaprini mill-moħħ, l-ispina dorsali jew l-għajnejn u l-ingredjenti miksuba minnhom ma jistgħux jiġu eskużi;

Billi l-esperjenza wriet li l-marda tal-ħakk tan-naghaġ ma tikkostitwix riskju għall-bniedem; billi, madankollu, data reċenti wriet li l-aġent tal-BSE jista' jiġi trasmess lin-naghaġ; billi huwa għalhekk meħtieġ li wieħed jikkunsidra l-fatt li l-firxa kif tista' tiġi trasmessa s-sustanza tal-BSE hija akbar minn dik tal-marda tal-ħakk tan-naghaġ;

[1] ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 169.
[2] ĠU L 198, tat-8.8.1996, p. 36.
[3] ĠU L 139, tat-12.6.1996, p. 17.
[4] ĠU L 78, tat-28.3.1996, p. 47.

Billi huwa meħtieġ li jittieħdu miżuri biex tiġi assigurata s-saħħa u s-sigurtà lill-konsumaturi mingħajr ma wieħed jistenna provi xjentifiċi inkonfutabbli dwar ir-rabta każwali bejn il-BSE u CJD jew il-varjant tiegħu;

Billi, għalhekk, hija ħaġa prudenti li jiġi pprojbit proviżorjament il-kummerċ ta' ċerti ingredjenti ta' oriġini bovina, ovina u kaprina fi prodotti kosmetiċi;

Billi din id-Direttiva għandha tiġi riveduta meta l-elementi kollha hawn fuq imsemmija ikunu ġew eżaminati, ta' lanqas sentejn wara l-implimentazzjoni tal-miżuri elenkati fl-Anness;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond il-fehma tal-Kumitat fuq l-Adattament għall-Progress Tekniku tad-Direttivi fuq it-tneħħija ta' l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ fis-settur tal-prodotti kosmetiċi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 76/786/KEE qiegħda b'dan tiġi emendata kif tidher fl-Anness tagħha.

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassiguraw li mit-30 ta' Ġunju 1997 il-prodotti kosmetiċi li jkun fihom is-sustanzi msemmija fl-Anness ma jitqiegħdux fis-suq.

L-Artikolu 3

Mhux aktar tard minn sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tipproponi emenda possibbli għal din id-Direttiva fl-isfond ta' l-iżvilupp fit-tagħrif xjentifiku.

L-Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1997. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'dik ir-referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

L-Artikolu 5

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Jannar 1997.

Għall-Kummissjoni

Emma BONINO

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

In-numru li ġej qed jiġi miżjud ma' l-Anness II tad-Direttiva 76/768/KEE:

"419. It-tessuti u l-fluwidi tal-bovini, l-ovini u l-kaprini mill-moħħ, l-ispina dorsali u l-għajnejn, u l-ingredjenti miksuba minnhom."